



# 45 sena ta' servizz lill-Parroċċa tal-Mellieħa

## *Is-sagristan Christopher Bartolo*



Kien propju nhar l-1 ta' Mejju 1976, festa ta' San Ġużepp Haddiem, li l-Kappillan tal-Mellieħa ta' dak iż-żmien, Monsinjur Ġużeppi Schembri, ħabbar li l-Parroċċa tal-Mellieħa kellha sagristan ġdid. Kien żagħżugħ ta' sbatax-il sena, iben Lippu u Mikelina Bartolo. Christopher ma kienx wiċċ ġdid fil-knisja tal-Mellieħa. Kellu diġà sitt snin ta' taħriġ minn missieru stess li kien is-sagristan dak iż-żmien.

L-ewwel snin xejn ma kienu faċli. Minbarra x-xogħol ta' kuljum li jkun hemm bżonn fil-knisja, dak iż-żmien kien għaddej xogħol estensiv ta' skultura fil-ġebel u invjar tal-istess knisja, xogħol li jaqla' ħafna trabijiet u ħmieġ. Imma Christopher ma qatax qalbu u kompla jsaħħaħ l-imħabba li kellu lejn il-knisja u x-xogħol ta' sagristan. Maż-żmien ħa l-inizjattiva li fil-ħin liberu tiegħu, jitgħallem diversi snajja' u arti, sabiex, fejn u meta jkun hemm bżonn, ikun jista' jkompli jsebbaħ u jżejjen il-knisja bl-aħjar mod possibbli. L-arranġamenti tal-fjuri li joħloq huma biċċa xogħol artistika, bħalma jistgħu jixhdu l-eluf ta' nies li jżuru l-Artal tar-Ripożizzjoni (jew kif inhu magħruf aħjar, is-Sepulkru) fil-ġranet ta' Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira.

Kif jirrakkonta Christopher stess, l-iktar esperjenza li jibqa' jgħożż tul is-snin kollha ta' servizz fil-Parroċċa hi ż-żjara li l-Papa Ġwanni Pawlu II għamel fis-Santwarju Nazzjonali tal-Madonna tal-Mellieħa fl-1990. Kienet okkażjoni unika fejn seta' jara mill-viċin il-mibki San Ġwanni Pawlu II. Madanakollu, il-festa ta' Marija Bambina li ta' kull sena tkun iċċelebrata fil-parroċċa tibqa' ċ-ċentru u l-qofol tax-xogħol kollu ta' matul is-sena. L-għaxqa tiegħu jara li l-Knisja Arċipretali tkun nadifa tazza, iżejjinha bl-aħjar mod possibbli u jara li tkun liebsa l-isbaħ libsa, u jorganizza d-daqq tal-qniepen, dejjem bl-għajnuna ta' gruppi differenti li joffru l-għajnuna tagħhom b'mod volontarju.

Tul dawn il-45 sena ta' servizz, Christopher dejjem ra li jibni u jżomm relazzjoni tajba mal-għaqdiet volontarji li jaħdmu fil-Parroċċa tal-Mellieħa. L-Għaqda Mużikali Imperial hija xhud ta' dan u r-rispett reċiproku li jeżisti huwa sinjal ħaj ta' din il-ħbiberija. Christopher qatt ma qagħad lura kull meta l-Għaqda tagħna talbitu l-għajnuna u dejjem ra kif seta' jgħin bl-aħjar mod possibbli.

Il-President, il-Kumitat Direttiv, is-Surmast Direttur, il-kummissjonijiet u l-membri kollha tal-Għaqda Mużikali Imperial jieħdu din l-opportunità sabiex jirringrazzjaw lil Christopher tax-xogħol siewi u bla waqfien tul dawn l-aħħar 45 sena, jirringrazzjaw ukoll lil martu, liż-żewġ uliedu u l-familjari tas-sapport li jagħtuh, u jawguraw lu iktar snin ta' ħidma fejjieda b'risq il-parroċċa, raħal twelidu u l-komunità kollha Melleħija. Grazzi Chris!

***Ad multos annos!***


ROY THAI SPECIALIST
Massage & Beauty Centre
MASSAGE
WAXING
BEAUTY
PHYSIOTHERAPY
34, Francis Zahra Street, Mellieha
M: 77 222 113 | T: 2713 7513 | E: roythaispecialist@gmail.com | F: Roy Thai Specialist


Aalayah's
Stop & Shop
12, Main Street
Mellieħa.
FREE PACKET OF
WATER WITH
EVERY €33 SPENT
OPEN ALL DAY
FROM MONDAY TO SUNDAY
Find us on
Facebook
FREE DELIVERY TO
MELLIEĦA